MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2014

Numru. 1169/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Priscilla Caruana**

**vs**

**Jonathan Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jonathan Farrugia ta’ 22 sena bin Raymond Alfred u mary Grace nee’ Fava imwieled Pieta u residenti fil-fond Flat 9 Triq San Edwardu Birzebugia u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 239155(M)

1. Akkuzat talli fis-19 ta' Settembru 2010 ghall-habta tal-00:15hrs gewwa l-bar 'Dar tas-Sajjieda', li jinsab fi Triq Birzebugia, Birzebugia minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi u per durata fuq il-persuna ta' Victor Camilleri minn Kirkop, skond kif iccertifikah Dr Mario Abela MD 1852 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin ikkaguna hsara fil-gisem u fis-sahha billi kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Elizabeth Woodhead skond kif iccertifika Dr Mario Abela MD 1852 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;
3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Jesmond Farrugia skond kif iccertifika Dr Mario Abela MD 1852 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;
4. Akkuzat talli fl-istess data, lok u hin hebb kontra Victor Camilleri, Elizabeth Woodhead u Jesmond Farrugia sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom il-hsara;
5. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied jew b' mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Victor Camilleri, Elizabeth Woodhead u Jesmond Farrugia.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta' Novembru 2014 (esebita a fol. 154 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub ;

a) Fl-artikolu 214, 216(1)(a)(ii)(iii)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 214 u 221(1)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 214 u 221(1)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
g) Fl-artikoli 17, 31u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2013, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda bi sfond familjari li sehhet fis-19 ta' Settembru 2010 ghall-habta ta' 00.15hrs fil-bar 'Dar is-Sajjieda', li jinsab fi Triq Birzebugia, Birzebugia bejn zewg fazzjonijiet ta' familja fejn Victor Camilleri sofra feriti li gew klassifikati bhala gravi filwaqt li Elizabeth Woodhead, Jesmond Farrugia u Raymond Farrugia soffrew

griehi li gew klassifikati bhala ta’ natura hafifa[1]. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’ dan il-kaz jirrizulta li nqala’ argument bejn Raymond Farrugia, li jigi missier l-imputat u l-partner tieghu Elizabeth Woodhead fejn imbaghad intervjenew fl-argument membri tal-familja ta’ Woodhead u cioe’ Victor Camilleri li dak iz-zmien kien qieghed ma’ Elizabeth Woodhead u Jesmond u Josephine Farrugia (li jigu oht Woodhead u zewgha). Waqt li kienet ghaddejja din il-glieda l-imputat li jigi iben Raymond Farrugia dahal fil-hanut u ra lill-missieru mal-art b’ diversi persuni qed jaghtuh id-daqqiet. Huwa ghalhekk iddecieda li jintervjeni fil-glieda sabiex jghin lill-missieru billi dahal f’ nofs in-nies li kienu qed jaghtu d-daqqiet lil Raymond Farrugia u spicca ghalhekk involut fil-glieda.

Ikkunsidrat

L-imputat Jonathan Farrugia ghazel li jixhed f’ dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta’ Mejju 2014 fejn qal li fid-data u hin in dizamina kien niezel minn Marsaxlokk u sema’ l-ghajjat u kif hares lejn il-hanut ra lill-

[1] Fis-seduta tas-17 ta’ Novembru 2011 xehed Dr. Mario Abela fejn qal li huwa tabib li kien ezamina lill-diversi persuni gewwa ic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid. Huwa kien ezamina lil Victor Camilleri fejn ikkonferma c-certifikat mediku li hariglu wara l-ezami li kien ghamillu. Dan ic-certifikat jinsab a fol 28 tal-process. Huwa rriskontra diversi griehi fuq il-persuna ta’ Victor Camilleri u ra wkoll li kellu griehi fuq rasu fejn ikklassifika dawn il-griehi bhala gravi per durata minhabba li kienu fuq ir-ras u kienu jidhru. Huwa wkoll kien ezamina lil Jesmond Farrugia (ara certifikat mediku li jinsab a fol 30 tal-process) fejn iccertifika li l-griehi kienu ta’ natura hafifa. Huwa ezamina wkoll lil Elizabeth Woodhead fejn iccertifika (a fol 31) li kellha feriti hfief. Raymond Farrugia kellu griehi f’ wiccu skond kif jidher fir-ritratti esebiti u mmarkati bhala dok AA1 sa dok AA5. certifikat mediku tal-griehi li sofra Raymond Farrugia huwa mmarkat bhala Dok. RG 1 u jinsab inserit a fol 166).

missieru mal-art b' madwar hames min-nies jaghtuh. Huwa kompla jghid li dahal biex jifridhom u jiddefendi lill-missieru. Huwa qal li dak il-hin ra lil Jesmond Farrugia jaghti lill-missieru u staqsieh bil-kalma kollha ghalfejn kien qieghed isawwat lill-missieru. Jesmond Farrugia mbaghad tefa' siggu fid-direzzjoni tieghu u kien hemm persuna ohra li daret ghalih u spiccaw jaghtu. Huwa zied jghid li ma kien ta daqqa lil hadd b' injama minhabba li huma kienu tefghu s-siggu lejh u nqabad fil-glieda.

Raymond Farrugia li xehed fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 qal li llum rega' qieghed f' relazzjoni ma' Elizabeth Woodhead u li dakinhar tal-glieda kien hemm l-inkwiet bejniethom fejn hija kienet cemplitlu u qaltlu li riedet tara lit-tifel taghhom li kellu disa' snin. Meta huwa ha lit-tifel iz-zghir jara l-ommu din taghtu daqqa ta' harta u dak il-hin gew Jesmond Farrugia u persuna ohra li daru ghalih u bdew jaghtuh. Huwa kompla jghid li ma kienx hu li cempel lil ibnu l-imputat ghaliex dak il-hin huwa kien qieghed jaqla d-daqqiet u bil-kemm kien jiflah jimxi.

Meta xehdet Josephine Farrugia fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2012 hija qalet li hi u zewgha Jesmond Farrugia kienu fil-bar dakinhar li nqala' l-argument bejn Raymond Farrugia u Elizabeth Woodhead fejn imbaghad involva ruhu fl-argument Victor Camilleri. Hija kompliet tghid li rat lil imputat jaghti daqqa lir-ragel taghha Jesmond Farrugia. Salvatore Portelli, sid il-bar li xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju 2012 semma kif hu ukoll qala' daqqa izda ma kienx jaf minn min ghaliex kullhadd kien qieghed jaghti fejn huwa nfarag u hareg 'il barra mill-hanut. Min-naha tieghu Victor Camilleri ghazel li ma jixhidx fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2012 izda qal li kien lest li jahfer lill-imputat ghal dak li kien gara filwaqt li fl-udjenza tal-11 t' Ottubru 2013 huwa qal li kien inqala argument bejn missier l-imputat u Elizabeth Woodhead u li

ftit wara l-imputat kien dahal fil-hanut flimkien ma' missieru. Kien f' dan il-hin li nqala' l-argument fejn huwa sofra griehi gravi fuq rasu fejn skond hu qala' daqqa ta' njama li seta' tahielu l-imputat izda ma kienx cert. Jesmond Farrugia li wkoll sofra feriti hfief qal li huwa kien qieghed flimkien ma' martu fil-bar fejn l-imputat tah daqqa b' xi oggett iebes u sofra feriti hfief. Elizabeth Woodhead ghazlet li ma tixhidx f' dawn il-proceduri u fis-seduta tat-13 t' Ottubru 2011 iddikjarat li hija riedet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Ikkunsidrat

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b' hames imputazzjonijiet, b' dik l-aktar gravi tkun li volontarjament ikkaguna ferita gravi fuq Victor Camilleri u bl-imputazzjonijiet l-anqas gravi li kkaguna feriti hfief fuq Jesmond Farrugia u Elizabeth Woodhead kif ukoll ksur tal-paci pubbliku u l-buon ordni b' ghajjat u glied u li hebb ghal dawn il-persuni. Minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f' dan il-kaz jirrizulta li l-Qorti tinsab irrinfaccjata b' zewg verzjonijiet tal-fatti kemm xejn differenti. Ghalkemm fejn iz-zewg nahat jaqblu li kien hemm glieda, fejn hadd ma jaf b' certezza min kien li kkaguna l-ferita ta' natura gravi lil Victor Camilleri u fejn izda parti wahda tghid li hija qalghet biss u ma tat ebda daqqa, filwaqt li l-imputat dejjem qal li huwa veru li ggieled mal-ohrajn izda li huwa ntervjena fil-mument li ra lill-missieru jaqla' d-daqqiet minhabba li daru ghalih diversi nies. Il-Qorti jidrilha li Jesmond Farrugia u martu Josephine fix-xhieda taghhom pruvaw jaghtu l-impressjoni li Jesmond kien bil-qieghda biss u ma kienx involut fl-argument u li l-imputat mar fuqu u qabad jaghtih b' xi haga iebsa fuq dahru. Il-Qorti trid ghalhekk tara jekk l-agir tal-imputat kienx jammonta ghall-aggressjoni kontra Victor Camilleri u Jesmond Farrugia

jgara jew jekk inkella dak li ghamel kienx jammonta ghal legittima difesa ta’ missieru. Il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni tal-imputat hija aktar verosimili u tirrifletti dak li effettivament gara dakinhar tal-glieda. Huwa fatt li huwa ma dahalx flimkien ma’ missieru gewwa l-Bar izda wara li nqala’ l-argument fejn dak il-hin kien diga skala tant li missieru Raymond Farrugia kien qala’ xebgha u sofra feriti fuq persuntu (ara diversi ritratti esebiti a fol 55 u certifikat mediku li jinsab a fol 166). L-istess Victor Camilleri u Jesmond Farrugia pruvaw jaghtu l-impressjoni li huma ma ghamlu xejn u spiccaw vittmi ta’ aggressjoni da parti tal-imputat, xi haga li din il-Qorti mhux qed temmen. L-imputat minn naha l-ohra kompla jghid li anki meta hu u missieru kienu sejrin ‘il barra spiccaw aggrediti tant li ntefghu siggu u banketta fid-direzzjoni taghhom fejn vettura spiccat bil-hgieg imkisser u missieru qala’ daqqa fuq rasu.

Il-Qorti jidhrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa agixxa in legittima difesa kemm ghalih innifsu u specjalment ghal missieru fejn mar sabiex jipprotegih meta daru ghalih diversi nies u bdew jaghtuh. Il-Qorti jidhrilha li x-xhieda tal-vittmi kienet wahda fjakka u xejn affattu konvincenti u temmen li kien biss l-intervent tal-imputat li salva lill-missieru minn konsegwenzi aktar serji. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-imputat bl-ebda mod ma jista’ jitqies li ecceda l-limiti tal-legittima difesa.

Ghal dawn il-motivi u stante r-rinunzja da parti ta’ Elizabeth Woodhead il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni mputazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Il-Qorti inoltre tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------